MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2006

Citazzjoni Numru. 183/2006

**BANK OF VALLETTA plc (C2833)**

**vs**

**Jason u Leona miżżewġin PACE u Anthony u Georgina miżżewġin COLOMBO**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ġuramentat imressaq fis-7 ta' Marzu, 2006, li bih is-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet;

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fiż-żewġ kuntratti datati 5 ta' Jannar 1999 u 23 ta' Ġunju 2000 in atti Nutar Dottor Maurice Gambin (Dok. A u B), is-soċjeta' attriċi kkonċediet faċilita' bankarja lil konvenuti Jason u Leona miżżewġin Pace;

2. Illi s-soċjeta' attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenuti Jason u Leona miżżewġin Pace fis-somma ta'

sittax-il elf, tlett mija u sitta u sitta u sebgħin Liri Maltin u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm16,376.53) bilanċ għad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” ta’ Jason u Leona miżżewġin Pace mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok. “C1” u “C3” u Dok. “D1” sa “D15”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-13 ta’ Frar 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta’ skrittura privata u ċioe’ dik datata 6 ta’ Lulju 2000 (Dok. “E”), il-konvenuti Anthony u Georgina miżżewġin Colombo iggarantew flimkien u “in solidum” ma’ Jason u Leona miżżewġin Pace għaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c id-debiti ta’ l-istess Jason u Leona miżżewġin Pace mal-Bank of Valletta p.l.c;

4. Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti fuq imsemmija w ċioe’ dak tal-5 ta’ Jannar 1999 u dak ta’ 23 ta’ Ġunju 2000, in atti Nutar Dottor Maurice Gambin (u hawn esebiti bħala Dokument “A” u “B”), u kif ukoll fl-iskrittura privata datata 6 ta’ Lulju 2000 partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jason u Leona miżżewġin Pace u Anthony u Georgina miżżewġin Colombo (a) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura privata (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura privata sopraindikati u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Jason u Leona miżżewġin Pace li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi;

5. Illi l-atturi nomine jafu bil-fatti fuq imsemmija personalment;

6. Illi l-konvenuti ġew interpellati permezz ta’ żewġ ittri uffiċjali datati 10 ta’ Diċembru 2002 u 18 ta’ Jannar 2006 (Dok. “F” u “G”) li kopji tagħhom qed jiġu hawn esebiti u mmarkata Dok. “E” u “F”, sabiex iħallsu d-dejn fuq imsemmi, iżda dawn baqgħu inadampjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant, is-soċjeta’ attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m’għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fiż-żewġ kuntratti u l-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bħala Dokument “A”, “B”, u “E”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Jason u Leona miżżewġin Pace, kif ukoll Anthony u Georgina miżżewġin Colombo (a) naqsu milli jħallsu il-pagamenti dovuti lis-soċjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skrittura privata, (b) kienu inadempjenti f’obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skrittura privata sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta’ l-istess konvenuti Jason u Leona miżżewġin Pace, kif ukoll Anthony u Georgina miżżewġin Colombo li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilita’ tal-ħlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta’ attriċi;

2. Tikkundanna lil Jason u Leona miżżewġin Pace u lil Anthony u Georgina miżżewġin Colombo jħallsu lis-soċjeta’ attriċi s-somma ta’ sittax-il elf, tlett mija u sitta u sebgħin Liri Maltin u tlieta u ħamsin ċenteżmu (Lm16,376.53) bilanċ għad-debitu fil-“Loan u l-Overdraft Accounts” ta’ Jason u Leona miżżewġin Pace mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “C1” sa “C3” u “D1” sa “D15”) flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-13 ta’ Frar 2006 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta’ l-ittra uffiċjali datata fl-10 ta’ Diċembru 2002 u 18 ta’ Jannar 2006 u tal-Mandati ta’ Sekwestru w ta’ Qbid li qed jiġu ppreżentati kontestwalment kontra l-konvenuti li huma nġunti minn issa sabiex jidhru għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda tas-soċjeta’ attriċi;

Rat in-nota mressqa mill-imħarrkin fit-3 ta’ April, 2006, li biha ammettew it-talba kif dedotta fir-Rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuti, it-talba dedotta fir-Rikors jirriżultaw pruvati;

Fuq ammissjoni tal-konvenuti tiddeċiedi billi tilqa’ t-talba tas-soċjeta’ attriċi kif dedotta fir-Rikors bl-ispejjeż u bl-imgħaxxijiet legali mit-13 ta’ Frar, 2006, sal-jum tal-ħlas effettiv; kontra l-konvenuti.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------